Referenza ta' reġistrazzjoni:

Billi nissottometti din it-talba għad-dereġistrazzjoni tal-kuntratt ta' kiri b'numru ta' reġistrazzjoni __________________ jien ___________________________________________ b'dan nikkonferma u niddikjara li jien l-unika persuna responsabbli għall-konsegwenzi legali kollha li joħorġu minn din it-talba.

Naqbel bis-sħiħ illi l-Awtorità tad-Djar m'għandhiex tinżamm responsabbli għal kwalunkwe danni, li jistgħu jirriżultaw direttament jew indirettament, minn din id-dereġistrazzjoni li qiegħda tintalab.

Barra minn hekk, niddikjara u nikkonferma li din it-talba qed issir in bona fede u mingħajr ebda intenzjoni malizzjuża jew motiv ulterjuri. Nifhem li din it-talba ma sservix bħala terminazzjoni ta' xi kuntratt eżistenti mal-kerrej u niddikjara wkoll li din it-talba mhix qed tiġi utilizzata bħala mezz biex tissostitwixxi jew biex permezz tagħha jiġi evitat kwalunkwe obbligu li jien marbut bih permezz ta' Artikolu 9 tal-Att dwar Kirjiet Residenzjali Privati (Kap. 604 tal-Liġijiet ta' Malta).

Jiena konxju illi f'każ ta' terminazzjoni żbaljata tal-kuntratt tal-kera, kwalunkwe dritt jew rimedji taħt il-liġi ċivili jew kriminali se jibqgħu disponibbli għall-kerrej, skond il-każ.

Nikkonferma li nifhem ukoll li d-dereġistrazzjoni hija possibbli biss fuq Kuntratti Attivi.
Billi nipproċedi b'din it-talba għad-dereġistrazzjoni, nikkonferma li qed naċċetta dak kollu miktub hawn fuq.

______________________________________
Firma ta' Sid il-Kera

Housing Authority
22, Pietro Floriani Street
Floriana FRN1060

t: 2299 1010
e: rentregistration.ha@ha.gov.mt

rentregistration.gov.mt